2024/1375

13.6.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 306/2023

tat-8 ta' Diċembru 2023

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE [2024/1375]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel ([1]) kien inkorporat fil-Ftehim ŻEE bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 134/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007 ([2]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 stabbilixxa l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel bħala l-korp responsabbli tal-Unjoni għall-valutazzjoni tar-riskju fi kwistjonijiet relatati mas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf. L-adattamenti fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 134/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007 jipprevedu l-parteċipazzjoni sħiħa tal-Istati tal-EFTA fil-ħidma tal-Awtorità mingħajr id-dritt tal-vot.

(3) Ir-Regolament (UE) 2019/1381 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 1829/2003, (KE) Nru 1831/2003, (KE) Nru 2065/2003, (KE) Nru 1935/2004, (KE) Nru 1331/2008, (KE) Nru 1107/2009, (UE) 2015/2283 u d-Direttiva 2001/18/KE ([3]) kien inkorporat fil-Ftehim ŻEE permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 234/2021 tal-24 ta' Settembru 2021 ([4]).

(4) L-adattamenti għall-inkorporazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 fid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 234/2021 tal-24 ta' Settembru 2021 jipprevedu d-drittijiet ta' parteċipazzjoni sħiħa tal-Istati tal-EFTA u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fil-Bord Maniġerjali tal-Awtorità mingħajr id-dritt tal-vot.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1642/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 ([5]) emenda r-Regolament (KE) Nru 178/2002 billi inkluda dispożizzjonijiet li jagħmlu r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ([6]) applikabbli għall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel. Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tinkludi referenza għar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 biex dan ir-Regolament isir applikabbli għal kwalunkwe dokument tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel fir-rigward tal-Istati tal-EFTA wkoll.

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 100, 10.4.2008, p. 33.
([3]) ĠU L 231, 6.9.2019, p. 1.
([4]) ĠU L 2024/466, 22.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/466/oj.
([5]) ĠU L 245, 29.9.2003, p. 4.
([6]) ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

(6) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar il-kwistjonijiet veterinarji, l-għalf u l-oġġetti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet veterinarji, l-għalf u l-oġġetti tal-ikel ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tibqa' estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali tal-Anness I u fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.

(7) Jenħtieġ għalhekk li l-Annessi I u II tal-Ftehim ŻEE jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt 13 (ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fil-Parti 7.1 tal-Kapitolu I huwa emendat kif ġej:

   (i) l-adattamenti (k) u (l) huma nnumerati mill-ġdid bħala (l) u (m);

   (ii) l-adattament li ġej jiżdied wara l-adattament (j):

   "(k) Dan li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 41(1):

   'Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni għandu, għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, japplika għal kwalunkwe dokument tal-Awtorità li jirrigwarda l-Istati tal-EFTA wkoll.'"

2. Il-punt 41 (ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu II huwa emendat kif ġej:

   (i) l-adattamenti minn (k) sa (p) huma nnumerati mill-ġdid bħala minn (l) sa (q);

   (ii) l-adattament li ġej jiżdied wara l-adattament (j):

   "(k) Dan li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 41(1):

   'Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni għandu, għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, japplika għal kwalunkwe dokument tal-Awtorità li jirrigwarda l-Istati tal-EFTA wkoll.'"

Artikolu 2

Il-punt 54zzzc (ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE huwa emendat kif ġej:

(i) l-adattamenti minn (k) sa (p) huma nnumerati mill-ġdid bħala minn (l) sa (q);

(ii) l-adattament li ġej jiżdied wara l-adattament (j):

"(k) Dan li ġej għandu jiżdied fl-Artikolu 41(1):

'Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni għandu, għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, japplika għal kwalunkwe dokument tal-Awtorità li jirrigwarda l-Istati tal-EFTA wkoll.'"

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Diċembru 2023, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE* (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2023.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Pascal SCHAFHAUSER

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.